

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1943**tal-14 ta' Lulju 2016****li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni u r-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni tad-ditti tal-investment****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4) tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu valutazzjoni bir-reqqa bħala parti mill-proċess għall-għoti u r-rifjut ta' talbiet għall-awtorizzazzjoni ta' ditti tal-investment, applikant ikun meħtieġ jissottometti lill-awtorità kompetenti informazzjoni preċiża meta jagħmel it-talba inizjali għal awtorizzazzjoni. L-awtorità kompetenti jeħtiġilha żżomm id-dritt li titlob informazzjoni addizzjonali mingħand l-applikant matul il-proċess tal-valutazzjoni skont il-kriterji u l-iskedi ta' żmien stabbiliti fid-Direttiva 2014/65/UE.
- (2) Sabiex ikun żgurat li l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti tkun ibbażata fuq informazzjoni preċiża, huwa essenzjali li l-applikant jipprovdi kopji tad-dokumenti korporattivi tiegħu, inkluż kopja ċertifikata tal-istrument ta' inkorporazzjoni, digriet u l-artikoli ta' assoċjazzjoni u kopja tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija fir-reġistru nazzjonali tal-kumpaniji.
- (3) L-applikant għandu jippreżenta informazzjoni dwar is-sorsi tal-kapital disponibbli, inklużi l-mezzi użati għat-trasferiment ta' riżorsi finanzjarji meta jkunu qed jiġi ġġenerat kapital, biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivvalutaw li r-rekwiżiti rilevanti kollha fil-qasam tal-kriminalità finanzjarja jkunu ġew irrispettati.
- (4) Entitajiet li jkunu għadhom kif ġew stabbiliti, meta jippreżentaw applikazzjoni, jista' jkun li jkunu f'pożizzjoni li jagħtu biss informazzjoni dwar kif se jiġi ġġenerat il-kapital u t-tipi u l-ammont ta' kapital li se jiġi ġġenerat. Madankollu għandha tingħata evidenza ta' kapital azzjonarju mħallas u tipi oħra ta' kapital iġġenerat, flimkien ma' informazzjoni dwar is-sorsi ta' kapital, lill-awtoritajiet kompetenti, bil-għan li tinkiseb awtorizzazzjoni, qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni. Din l-evidenza tista' tinkludi kopji ta' strumenti kapitali rilevanti u rapporti korrispondenti mill-bank.
- (5) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivvalutaw ir-reputazzjoni ta' kwalunkwe persuna li se tidderiġi l-operat tad-ditta tal-investment, tal-azzjonisti proposti u tal-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti huwa importanti li l-applikant jintalab jipprovdi informazzjoni dwar dawn il-persuni.
- (6) Sabiex tiġi vvalutata l-esperjenza ta' kwalunkwe persuna li se tidderiġi l-operat tad-ditta ta' investment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu ppreżentati mill-applikant b'informazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali rilevanti u l-esperjenza professjonali tal-membri tal-korp maniġerjali u tal-persuni li effettivament jidderiġu l-operat u tas-setgħat relatati tagħhom u dwar kwalunkwe prokura.
- (7) L-informazzjoni finanzjarja dwar id-ditta tal-investment għandha tiġi ppreżentata minn applikant lill-awtoritajiet kompetenti sabiex dawn ikunu jistgħu jivvalutaw is-sodezza finanzjarja ta' dik id-ditta ta' investment.
- (8) Peress li, fiż-żmien tal-applikazzjoni, impriżi li jkun għadhom kif ġew stabbiliti jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jipprovdu informazzjoni dwar l-awdituri; dawk l-applikanti għandhom ikunu eżentati milli jipprovdu din l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti ħliet jekk l-awdituri jkunu diġà ġew maħtura.

⁽¹⁾ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 349.

- (9) L-informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-istruttura organizzazzjonali tad-ditta tal-investment għandha tinkludi dettalji dwar is-sistema ta' kontroll intern, dwar il-miżuri biex jiġu identifikati l-kunflitti ta' interess, u dwar l-arranġamenti li jissalvagwardjaw l-assi tal-klijenti, sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tivvaluta jekk dik id-ditta ta' investment hix se tkun kapaċi tikkonforma mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/65/UE.
- (10) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jawtorizzaw bħala ditta ta' investment persuna fiżika jew persuna ġuridika mmaniġġjata minn persuna fiżika waħda. Huwa għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni applikabbli għall-immaniġġjar tad-ditti tal-investment li jkunu persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi mmaniġġjati minn persuna fiżika waħda.
- (11) Sabiex ikun hemm ċertezza, ċarezza u prevedibbiltà legali fir-rigward tal-proċess ta' awtorizzazzjoni, huwa xieraq li l-kriterji li fuqhom l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-adeguatezza tal-azzjonisti jew tal-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti, meta jawtorizzaw ditta ta' investment, ikunu l-istess kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/65/UE għall-valutazzjoni ta' akkwist propost. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-adeguatezza tal-azzjonisti jew tal-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti u s-sodezza finanzjarja ta' ditta filwaqt li jqisu kriterji dwar ir-reputazzjoni u l-esperjenza tal-persuni li jidderieġu l-operat tad-ditta tal-investment u s-sodezza finanzjarja tad-ditta.
- (12) Sabiex jiġu identifikati l-ostakoli li jistgħu jipprevjenu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-kumplessità u t-trasparenza tal-istruttura tal-grupp tad-ditta tal-investment, il-post ġeografiku tal-entitajiet tal-grupp u l-attivitajiet li jwettqu l-entitajiet tal-grupp.
- (13) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ tapplika għall-ipproċessar tad-dejta personali mill-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (14) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati li jittrasponu d-Direttiva 2014/65/UE japplikaw mill-istess data.
- (15) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) lill-Kummissjoni.
- (16) Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, l-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Informazzjoni ġenerali

Applikant li jitlob għal awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investment skont it-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jippreżenta għand l-awtorità kompetenti applikazzjoni li tinkludi l-informazzjoni ġenerali li ġejja:

- (a) isimha (inkluż l-isem ġuridiku tagħha u kull isem kummerċjali ieħor li jintuża); l-istruttura legali (inkluża informazzjoni dwar jekk hux se tkun persuna ġuridika jew meta dan ikun permess mil-leġislazzjoni nazzjonali, persuna fiżika), l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali u, għal ditti eżistenti, l-uffiċċju registarat; dettalji ta' kuntatt; in-numru ta' identifikazzjoni nazzjonali tagħha, meta disponibbli; kif ukoll:
- (i) għall-fergħat domestiċi: informazzjoni dwar fejn se joperaw il-fergħat;
- (ii) għal aġenti domestiċi marbutin: dettalji dwar l-intenzjoni tagħha li tuża aġenti marbutin;

⁽¹⁾ Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84)

- (b) il-lista ta' servizzi u attivitajiet ta' investiment u servizzi anċillari u l-istrumenti finanzjarji li se jiġu pprovduti, u jekk humiex se jinżammu strumenti finanzjarji u fondi tal-klijenti (anki fuq bażi temporanja).
- (c) kopji tad-dokumenti korporattivi u evidenza tar-reġistrazzjoni fir-reġistru nazzjonali tal-kumpaniji, fejn applikabbli.

Artikolu 2

Informazzjoni dwar il-kapital

Applikant li jitlob għal awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investiment skont it-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jipprovi lill-awtorità kompetenti informazzjoni u fejn disponnibbli evidenza dwar is-sorsi tal-kapital għad-dispożizzjoni tiegħu. L-informazzjoni għandha tinkludi:

- (a) dettalji dwar l-użu ta' riżorsi finanzjarji privati, inkluż l-oriġini u d-disponibbiltà ta' dawk il-fondi;
- (b) dettalji dwar l-aċċess għal sorsi ta' kapital u swieq finanzjarji fosthom id-dettalji ta' strumenti finanzjarji emessi jew li se jiġu emessi;
- (c) kwalunkwe ftehim u kuntratt rilevanti rigward il-kapital iġġenerat;
- (d) informazzjoni dwar l-użu jew l-użu mistenni ta' fondi meħuda b'self fosthom isem il-mutwanti u d-dettalji tal-faċilitajiet mogħtija jew li mistennija jingħataw, fosthom maturitajiet, termini, rahan u garanziji, flimkien mal-informazzjoni dwar l-oriġini tal-fondi meħuda b'self (jew il-fondi li mistennija jittieħdu b'self) fejn il-mutwanti ma jkunx istituzzjoni finanzjarja taħt superviżjoni;
- (e) dettalji dwar il-mezzi tat-trasferiment ta' riżorsi finanzjarji lid-ditta inkluż in-netwerk użat għat-trasferiment ta' dawn il-fondi.

Għall-finijiet tal-punt (b), informazzjoni dwar it-tipi ta' kapital iġġenerat għandha tirreferi, fejn rilevanti, għat-tipi ta' kapital speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, speċifikament jekk il-kapital jinkludi elementi tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, tal-Grad 1 Addizzjonali jew tal-Grad 2.

Artikolu 3

Informazzjoni dwar l-azzjonisti

Applikant li jitlob għal awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investiment skont it-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jippreżenta għand l-awtorità kompetenti l-informazzjoni li ġejja dwar l-azzjonisti:

- (a) il-lista ta' persuni b'parteċipazzjoni kwalifikanti diretta jew indiretta fid-ditta tal-investiment, u l-ammont ta' dawn il-parteċipazzjonijiet u, għal parteċipazzjonijiet indiretti, isem il-persuna li permezz tagħha tinżamm il-parteċipazzjoni u isem id-detentur finali;
- (b) għal persuni b'parteċipazzjoni kwalifikanti (diretta jew indiretta) fid-ditta tal-investiment id-dokumentazzjoni meħtieġa minn akkwirenti proposti għall-akkwist u ż-żidiet fil-parteċipazzjonijiet kwalifikanti f'ditti tal-investiment f'konformità mal-Artikoli 3, 4 u 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1946 tal-11 ta' Lulju 2017 li jissupplimenta d-Direttivi 2004/39/KE u 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal lista eżawrjenti ta' informazzjoni li trid tkun inkluża mill-akkwirenti proposti fin-notifika ta' akkwizzizzjoni proposta ta' parteċipazzjoni kwalifikanti f'ditta tal-investiment ⁽¹⁾;
- (c) l-azzjonisti tal-kumpaniji li huma membri ta' grupp, organigramma tal-grupp li tindika l-attivitajiet ewlenin ta' kull ditta fil-grupp, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe entità regolata fil-grupp u l-ismijiet tal-awtoritajiet superviżorji rilevanti kif ukoll ir-relazzjoni bejn l-entitajiet finanzjarji tal-grupp u entitajiet oħra tal-grupp li mhumiex finanzjarji.
- (d) Għall-finijiet tal-punt (b), meta d-detentur ta' sehem kwalifikanti ma jkunx persuna fiżika, id-dokumentazzjoni għandha tkun ukoll dwar il-membri kollha tal-korp manijerjali u dwar il-manijer ġenerali, jew kwalunkwe persuna oħra li twestaq funzjonijiet ekwivalenti.

⁽¹⁾ Ara l-paġna 32 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 4

Informazzjoni dwar il-maniġment u l-persuni li jidderieġu l-operat

Applikant li jitlob għal awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investment skont it-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni li ġeja:

- (a) fir-rigward tal-membri tal-korp maniġerjali u l-persuni li effettivament jidderieġu l-operat u s-setgħat relatati tagħhom u kwalunkwe prokura:
- (i) dettalji personali fosthom isem il-persuna, id-data u l-post tat-twelid, in-numru tal-identifikazzjoni nazzjonali personali fejn disponibbli, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt;
 - (ii) il-pożizzjoni li l-persuna hija maħtura fiha jew li se tinħatar fiha;
 - (iii) *curriculum vitae* li jsemmi l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali rilevanti, l-esperjenza professjonali, fosthom l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet kollha li ħadmet magħhom il-persuna u n-natura u t-tul ta' żmien tal-funzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari għal kull attività fl-ambitu tal-pożizzjoni mixtieqa; għal pożizzjonijiet miżmuma fl-aħħar 10 snin, fid-deskrizzjoni ta' dawn l-attivitajiet, id-dettalji għandhom jinkludu s-setgħat delegati kollha u s-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet interni kollha u l-oqsma tal-operazzjonijiet taħt il-kontroll tagħhom;
 - (iv) dokumentazzjoni marbuta mar-reputazzjoni u l-esperjenza tal-persuna, b'mod partikolari lista ta' persuni ta' referenza inkluż l-informazzjoni ta' kuntatt u ittri ta' rakkomandazzjoni;
 - (v) rekords kriminali u informazzjoni dwar investigazzjonijiet kriminali u proċedimenti marbuta ma' kawżi ċivili u amministrattivi u azzjonijiet dixiplinari miftuħa kontriehom (inkluż skwalifika bħala direttur ta' kumpanija, falliment, insolvenza jew proċedimenti simili), notevolment permezz ta' ċertifikat uffiċjali (jekk u sa fejn ikun disponibbli mingħand l-Istat Membru jew il-pajjiż terz rilevanti), jew permezz ta' dokument ekwivalenti ieħor; għal investigazzjonijiet fis-seħħ, l-informazzjoni tista' tingħata permezz ta' dikjarazzjoni tal-unur;
 - (vi) informazzjoni dwar rifjut ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex twettaq negozju, operat jew professjoni; jew irtirar, revoka jew terminazzjoni ta' tali reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew tal-gvern jew minn korp jew assoċjazzjoni professjonali;
 - (vii) informazzjoni dwar tkeċċija minn impjeg jew pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja jew sitwazzjoni simili;
 - (viii) informazzjoni dwar jekk twettqitx diġà valutazzjoni tar-reputazzjoni u l-esperjenza bħala akkwirent jew bħala persuna li tidderieġi operat (inkluż id-data tal-valutazzjoni, l-identità ta' dik l-awtorità u l-evidenza dwar l-eżitu tal-valutazzjoni);
 - (ix) deskrizzjoni dwar l-interessi finanzjarji u mhux finanzjarji jew relazzjonijiet tal-persuna u / jew tal-qraba stretti tagħha mal-membri tal-korp maniġerjali u ma' persuni f'karigi b'funzjonijiet ewlenin fl-istess istituzzjoni, fl-istituzzjoni prinċipali u fis-sussidjarji u fl-azzjonisti;
 - (x) id-dettalji tar-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali, imwettqa mill-applikant innifsu;
 - (xi) informazzjoni dwar iż-żmien minimu li se jiġi ddedikat għat-twettiq tal-funzjonijiet tal-persuna fid-ditta (annwali u ta' kull xahar);
 - (xii) informazzjoni dwar ir-riżorsi umani u finanzjarji dedikati għat-trawwim u t-taħriġ tal-membri (indikazzjonijiet annwali);
 - (xiii) il-lista ta' karigi ta' direttur eżekuttiv u mhux eżekuttiv miżmuma mill-persuna fil-preżent.

Għall-finijiet tal-punt (ix) tal-punt (a), l-interessi finanzjarji jinkludu interessi bħala operazzjonijiet ta' kreditu, garanziji u rahan, filwaqt li l-interessi mhux finanzjarji jistgħu jinkludu interessi bħalla-familja jew relazzjonijiet mill-qrib.

- (b) Il-persunal tal-maniġment intern u tal-korpi ta' kontroll.

Artikolu 5

Informazzjoni finanzjarja

Applikant li jitlob għal awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investment skont it-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni li ġejja dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu:

- (a) informazzjoni dwar it-tbassir fil-livell individwali u, fejn applikabbli, fil-livell ta' grupp konsolidat jew subkonsolidat, inkluż:
 - (i) tbassir tal-pjanijiet kontabilistiċi għall-ewwel tliet snin ta' operat inkluż:
 - tbassir tal-karti tal-bilanċ;
 - tbassir tal-kontijiet tal-profit u t-telf jew tar-rapporti tal-introjt;
 - (ii) suppożizzjonijiet tal-ippjanar għat-tbassir t'hawn fuq kif ukoll spjegazzjonijiet taċ-ċifri, inkluż l-għadd u t-tip ta' konsumaturi mistennija, il-volum ta' tranżazzjonijiet/ordnijiet mistennija, l-assi mmaniġġjati mistennija;
 - (iii) fejn applikabbli, il-kalkoli mbassra tar-rekwiżiti kapitali u tar-rekwiżiti tal-likwidità tad-ditta skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u t-tbassir tal-proporzjon tas-solvenza għall-ewwel sena;
- (b) għal kumpaniji li diġà huma attivi, rapporti finanzjarji statutorji, flivell individwali u, fejn applikabbli, fil-livell tal-grupp konsolidat u subkonsolidat għall-aħħar tliet perjodi finanzjarji, approvati, meta r-rapporti finanzjarji jiġu awditjati, mill-awditur estern, inkluż:
 - (i) il-karta tal-bilanċ;
 - (ii) il-kontijiet tal-profit u t-telf jew ir-rapporti tal-introjt;
 - (iii) rapporti annwali u l-annessi finanzjarji u kwalunkwe dokument ieħor reġistrat fir-reġistru jew mal-awtorità rilevanti f'territorju partikolari rilevanti għar-rapporti finanzjarji tal-kumpaniji u, fejn applikabbli rapport mill-awditur tal-kumpanija tal-aħħar tliet snin jew mill-bidu tal-attività;
- (c) analiżi tal-ambitu tas-superviżjoni konsolidata skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, inkluż dettalji dwar liema entitajiet tal-grupp ser ikunu inklużi fl-ambitu tar-rekwiżiti tas-superviżjoni konsolidata wara l-awtorizzazzjoni u f'liema livell fil-grupp se japplikaw dawn ir-rekwiżiti fuq bażi sħiħa jew subkonsolidata.

Artikolu 6

Informazzjoni dwar l-organizzazzjoni tad-ditta

Applikant li jitlob għal awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investment skont it-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni li ġejja dwar l-organizzazzjoni tiegħu:

- (a) programm ta' operazzjonijiet inizjali għat-tliet snin ta' wara, inkluża informazzjoni dwar attivitajiet regolati u mhux regolati ppjanati, informazzjoni dettaljata dwar it-tqassim ġeografiku u l-attivitajiet li se jitwettqu mid-ditta tal-investment. L-informazzjoni rilevanti fil-programm tal-operazzjonijiet għandha tinkludi:
 - (i) id-domiċilju tal-konsumaturi prospettivi u tal-investituri fil-mira;
 - (ii) il-kummerċjalizzazzjoni u l-attività u l-arranġamenti promozzjonali, inklużi l-lingwi tad-dokumenti tal-offerta u dawk promozzjonali; identifikazzjoni tal-Istati Membri fejn ir-reklamar huwa l-aktar viżibbli u l-aktar frekwenti; it-tip tad-dokumenti promozzjonali (sabiex jiġi vvalutat fejn effettivament il-kummerċjalizzazzjoni se tkun prominenti l-aktar);
 - (iii) l-identità tal-professionist tal-kummerċjalizzazzjoni dirett, tal-konsulenti u tad-distributuri finanzjarji tal-investment, il-lokalità ġeografika tal-attività tagħhom;
- (b) dettalji tal-awdituri tal-kumpanija, meta jkunu disponibbli fil-mument tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni;
- (c) l-istruttura organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll interni tal-kumpanija, inkluż:
 - (i) id-dettalji personali tal-kapijiet tal-funzjonijiet interni (maniġment u superviżjoni), inkluż *curriculum vitae* dettaljat li jsemmi l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali rilevanti, l-esperjenza professjonali;
 - (ii) id-deskrizzjoni tar-riżorsi (b'mod partikolari r-riżorsi umani u tekniċi) allokatu għad-diversi attivitajiet ippjanati;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

- (iii) fir-rigward taż-żamma ta' strumenti finanzjarji u fondi ta' klijenti, informazzjoni li tispjega kwalunkwe arranġament tas-salvagwardja tal-assi tal-klijenti (b'mod partikolari, fejn l-istrumenti finanzjarji u l-fondi jkunu miżmuma għand kustodju, isem il-kustodju u l-kuntratti relatati);
- (iv) spjegazzjoni ta' kif id-ditta se tissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali u ta' kondotta.
- (d) informazzjoni dwar l-istatus tal-applikazzjoni mid-ditta tal-investment biex issir membru fl-iskema ta' kumpens għall-investitur fl-Istat Membru tad-Domiċilju jew evidenza ta' sħubija fi skema ta' kumpens għall-investitur, fejn disponibbli;
- (e) lista tal-funzjonijiet, servizzi jew attivitajiet esternalizzati (jew dawk li hemm il-ħsieb li jiġu esternalizzati) u lista tal-kuntratti konklużi jew previsti ma' fornituri u riżorsi esterni (b'mod partikolari umani u tekniċi, u s-sistema ta' kontroll intern) allokat għall-kontroll tal-funzjonijiet, tas-servizzi jew tal-attivitajiet esternalizzati;
- (f) miżuri biex jiġu identifikati u evitati jew immaniġġjati l-konflitti ta' interess li jinqalgħu waqt il-provvediment ta' servizzi ta' investment u anċillari u deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza tal-prodott;
- (g) deskrizzjoni tas-sistemi għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tad-ditta, inkluż sistemi ta' riżerva, fejn disponibbli u l-kontrolli tas-sistemi u tar-riskji fejn id-ditta tixtieq timpenja ruħha f'negozjar algoritmiku u/jew tipprovdi aċċess elettroniku dirett;
- (h) informazzjoni dwar il-konformità, il-kontroll intern u s-sistemi tal-immaniġġjar tar-riskju (sistema ta' monitoraġġ, awditjar intern u funzjonijiet ta' konsulenza u ta' assistenza).
- (i) dettalji dwar is-sistemi għall-valutazzjoni u tal-immaniġġjar tar-riskji tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu;
- (j) pjanijiet ta' kontinwità tal-operat, inkluż sistemi u riżorsi umani (persunal ewlieni);
- (k) immaniġġjar tar-rekords, il-manutenzjoni tar-rekords u ż-żamma tar-rekords;
- (l) deskrizzjoni tal-manwal tal-proċeduri tad-ditta.

Artikolu 7

Rekwiżiti ġenerali

1. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, kif stabbilit fl-Artikoli 1 u 6, għandha tirreferi kemm għall-uffiċċju prinċipali tad-ditta kif ukoll għall-fergħat u l-aġenti marbuta.
2. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, kif stabbilit fl-Artikoli 2 u 5, għandha tirreferi għall-uffiċċju prinċipali tad-ditta.

Artikolu 8

Rekwiżiti applikabbli għall-immaniġġjar tad-ditti tal-investment li huma persuni fiżiċi jew tad-ditti tal-investment li huma persuni ġuridiċi mmaniġġjati minn persuna fiżika waħda

1. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jawtorizzaw biss bħala ditta ta' investment persuna fiżika jew persuna ġuridika applikanti mmaniġġjata minn persuna fiżika waħda jekk:
 - (a) il-persuna fiżika tkun tista' tintlaħaq faċilment fi żmien qasir mill-awtoritajiet kompetenti;
 - (b) il-persuna fiżika tiddedika biżżejjed ħin għal din il-funzjoni;
 - (c) il-korpi governattivi jew id-digrieti tad-ditta tal-investment jagħtu s-setgħa lil persuna biex tissostitwixxi manijer immedjatament u taqdi d-dmirijiet tiegħu kollha jekk dan tal-aħħar ma jkunx jista' jwettaqhom;
 - (d) il-persuna mogħtiha s-setgħa skont il-punt preċedenti għandha tkun ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u jkollha esperjenza biżżejjed biex tissostitwixxi manijer tul iż-żmien ta' assenza, jew sakemm jinħatar manijer ġdid, sabiex tiżgura mmaniġġjar sod u prudenti tad-ditta tal-investment. Il-persuna mogħtiha s-setgħa għal ditti tal-investment li huma persuni fiżiċi, għandha tkun disponibbli wkoll biex tassisti lill-prattikanti tal-insolvenza u lill-awtoritajiet rilevanti f'każ ta' likwidazzjoni tad-ditta. Din il-persuna għandu jkollha d-disponibbiltà meħtieġa għal din il-funzjoni.
2. Bħala parti mill-proċess tal-awtorizzazzjoni tagħha, ditta tal-investment applikanti li hija persuna fiżika jew persuna ġuridika mmaniġġjata minn persuna fiżika waħda, għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 4(1)(a), (c), (d), (e) u (f) fir-rigward tal-persuna mogħtiha s-setgħa skont il-paragrafu 1(d) ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 9

Rekwiżiti applikabbli għall-azzjonisti u l-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti

L-awtorità kompetenti għandha tivverifika li t-talba ta' applikant għal awtorizzazzjoni bħala ditta tal-investment, skont it-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE, toffri garanzji suffiċjenti għall-immaniġġjar soda u prudenti tal-entità billi tivvalutaw l-adeqwatezza tal-azzjonisti u tal-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti proposti, wara li tikkunsidra l-influenza probabbli fuq id-ditta tal-investment ta' kull azzjonist jew membru b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti propost, skont dawn il-kriterji kollha li ġejjin:

- (a) ir-reputazzjoni u l-esperjenza ta' kwalunkwe persuna li se tidderieġi l-operat tad-ditta tal-investment;
- (b) ir-reputazzjoni tal-azzjonisti u tal-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti;
- (c) is-solidità finanzjarja tal-azzjonisti u tal-membri b'parteċipazzjoni kwalifikanti proposti, b'mod partikolari fir-rigward tat-tip ta' negozju li jsir u li huwa previst fid-ditta tal-investment;
- (d) jekk id-ditta ta' investment hix se tkun kapaċi tikkonforma u tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali stipulati fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2014/65/UE u, fejn applikabbli, id-Direttivi 2002/87/KE ⁽¹⁾ u 2013/36/UE ⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'mod partikolari, jekk il-grupp li minnu se ssir parti għandux struttura li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata superviżjoni effikaċi, li b'mod effikaċi tiġi skambjata informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u li tiġi ddeterminata l-allokkazzjoni tar-responsabilitajiet fost l-awtoritajiet kompetenti;
- (e) jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li frabta mal-awtorizzazzjoni tad-ditta tal-investment qiegħed jitwettaq jew ġie mwettaq jew kemm hemm tentattiv biex isir ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, jew li l-awtorizzazzjoni tad-ditta tal-investment tista' iżżid ir-riskju għal dan.

Artikolu 10

Eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet superviżorji

Struttura ta' grupp li se topera li fih id-ditta tal-investment, għandha titqies bħala ostaklu għall-eżerċizzju tal-funzjoni superviżorja tal-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tad-Direttiva 2014/65/UE fi kwalunkwe każ minn dawn:

- (a) tkun kumplessa u mhux trasparenti biżżejjed;
- (b) ikollha post ġeografiku tal-entitajiet tal-grupp;
- (c) tinkludi attivitajiet li jwettqu mill-entitajiet tal-grupp li jistgħu jipprevjenu lill-awtorità kompetenti milli tivvaluta b'mod effikaċi l-adattabbiltà tal-azzjonisti jew tal-membri b'parteċipazzjonijiet kwalifikanti jew l-influenza ta' rabtiet mill-qrib mad-ditta tal-investment.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu jibda japplika mid-data li tidher fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 93(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
